# Il-Kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra

*Robert L. Grech*

Talbuni biex nikteb dan l-artiklu fl-okkażjoni tal-ħamsin sena anniversarju mill-bini tal-kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra. Fuq il-kappella ta' Sant'Anna nkiteb mhux ħażin, speċjalment fir-rivisti tagħha. Għalhekk jien iddeċidejt li niffoka u nikteb ftit noti fuq l-istruttura tal-kappella stess.



*Dun Alwiġ Mizzi.*







*Dakinhar tat-tberik tal-Kappella, 25 ta' Lulju 1963.*

## *Twaqqif*

Il-kappella nbdiet fl-1963 fuq disinn tal-perit li hu bin ir-raħal, l-arkitett Joe Mizzi, li ftit għandu bżonn ta' introduzzjoni. Il-benefattur li ħallas għaliha kien is-Salesjan Dun Alwiġ Mizzi. Il-kappella propja għandha kobor ta' ħamsa u erbgħin pied tul u ħmistax-il pied wisa'. Ġiet miżjuda magħha sagristija ta' wieħed u għoxrin pied tul u għaxar piedi wisa'.

Kif tlesta x-xogħol tal-bini, jiġifieri f'Lulju tal-istess sena, sar it-tberik tal-kappella, fil-25 ta' Lulju, jiġifieri lejlet il-festa ta' Sant'Anna, mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace. Din iċ-ċerimonja, illi ħadu sehem fiha l-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Girgor Vella u l-kleru tal-parroċċa, saret fil-5.00pm: ġiet iċċelebrata Quddiesa u tkanta t-*Te Deum*. Preżenti wkoll kien hemm il-*Boy Scouts* tal-Oratorju. Imbagħad għal nhar il-festa, l-Isqof ta' Għawdex, peress li l-ġurnata tal-festa kienet il-Ġimgħa, kien ta l-permess li jista' jittiekel il-laħam ħalli b'hekk in-nies ikunu jistgħu jinżlu u jiċċelebraw fid-Dwejra. Dakinhar ġiet iċċelebrata fl-istess kappella Quddiesa mid-Direttur tal-Oratorju Don Bosco, Dun Vinċenz De Bono, għall-grupp tal-*Boy Scouts*. Wieħed jista' jifhem li din il-preżenza tal-*Iscouts* u r-rabta li huma kellhom mal-kappella ta' Sant'Anna ġejjin mill-fatt li din il-kappella nbniet minn saċerdot Salesjan.

## *Restawr*

Maż-żmien, il-kappella ġiet sottoposta għal diversi interventi ta' restawr. Wieħed jifhem li l-elementi naturali jagħmlulha ħafna ħsara, minħabba l-fatt li hi mibnija ħdejn il-baħar. Għaldaqstant, kien fuq l-inizjattiva tal-Kappillan preżenti, Dun Injazju Borg, illi dan l-aħħar sar restawr strutturali u estensiv fuq il-kappella. Dan minħabba l-fatt illi dan l-aħħar il-bini tal-kappella kien xi ftit malandat. Dan ġara għaliex il-kappella kienet inbniet bl-użu tal-konkos u s-saqaf kien



beda jsir perikuluż. Kien għalhekk meħtieġ li jiġi mibdul. Barra minn hekk, minħabba l-effett tal-melħ, l-art tal-presbiterju kellha wkoll tiġi mibdula mill-ġdid. Kien hemm bżonn ukoll li jiġu msewwija l-ħsarat illi kien hemm fil-ħitan. Issa kien il-waqt li l-kappella tiġi mgħammra b'sistema ġdida u aktar moderna ta' dawl. Ġie maħsub ukoll li jsir ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Anna, li wkoll kienet marret ħażin mal-elementi naturali. Dawn it-tiswijiet issa ġabu lill-kappella fi stat aħjar, aktar akkoljenti u fuq kollox f'qagħda li tista' tiġi wżata mid-devoti.

## *Titular ġdid*

L-istorja tat-titular tal-kappella ta' Sant'Anna hija kemxejn interessanti. Dan għaliex il-Kappillan preżenti, Dun Injazju Borg – li bħall-Kappillani ta' qablu huwa r-rettur tal-kappella ta' Sant'Anna –, bħala parti mill-proġett tar-restawr tal-kappella, ħa l-inizjattiva li jbiddel it-titular illi kien hemm qabel ma' ieħor li għandu l-istil tal-ikoni u b'hekk għandu ikonografija interessanti. Ta' min jgħid hawnhekk li din hi t-tieni darba li nbidel it-titular. Insibu miktub li l-ewwel titular kien xogħol il-pittur Carmelo Fenech, illi kien Salesjan fl-Italja. Ir-raġuni għal din l-għażla ta' artist Salesjan tista' tkun li billi l-benefattur, Dun Alwiġ Mizzi, kien Salesjan, wisq probabbli kien jaf lil dan il-pittur Salesjan, u għalhekk għażel li jikkummissjona l-pittura tat-titular lil Salesjan bħalu. Wara kollox, min iħallas jagħżel lill-pittur! Mill-konnessjoni li hemm mas-Salesjani, għalhekk, tista' tingħata spjegazzjoni għall-kummisjoni tal-pittura. Iżda din l-ewwel pittura wara xi żmien, minħabba l-effett



*Il-Kwadri Titulari tul l-istorja tal-Kappella ta' Sant'Anna.*

tar-raxx tal-baħar, bdiet sejra lura, u għalhekk fil-parrokat ta' Dun Mikiel Borg, fl-1989, inbidlet ma' kwadru ieħor. Din id-darba l-pittur kien is-Sur Ninu Apap, mix-Xagħra, illi jiġi ħu Mons. Mikelanġ Apap. Dan it-tieni titular huwa kopja bbażata fuq pittura tal-artist barokk Spanjol Bartolomé Esteban Murillo.

Iżda l-elementi kienu dejjem jagħmlu tagħhom, u din l-istess pittura wkoll bdiet turi sinjali ta' ħsara irriversibbli. Dan wassal biex tittieħed id-deċiżjoni li jerġa' jinbidel it-titular u ssir pittura ġdida. Imma din id-deċiżjoni ma ttieħditx biss minħabba fatturi ta' deterjorament. Il-Kappillan xtaq illi fil-pittura jiġi inkluż ukoll ir-raġel ta' Sant'Anna, San Ġwakkin, li l-festa tiegħu tiġi ċċelebrata wkoll fl-istess ġurnata ta' Sant'Anna, fis-26 ta' Lulju. Fil-fatt it-titular il-ġdid, impitter minn Dun Roberto Gauci, juri ż-żewġ figuri, ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, bħala "mudell ta' familja li tgħix il-fidi u tfittex ir-rieda ta' Alla". Ħaġa oħra li wieħed jinnota huwa l-istil. Il-mod kif ġie mpitter it-titular il-ġdid jagħtih stil u forma ta' ikona Biżantina. Fl-istorja tal-arti naraw li dan kien l-istil tal-arti tal-Biżantini, u saħansitra anki tal-ewwel Insara fil-Katakombi ta' Ruma. Għalhekk il-messaġġ huwa ċar. B'mod indirett il-Knisja qiegħda tgħidilna biex inħarsu lura lejn dak li hu l-essenzjal fil-Fidi tagħna, li għandna nirritornaw għall-għeruq li ġejjin mill-Kelma ta' Alla. Fuq kollox, li għandna mmorru lura lejn għeruqna: l-ewwel Insara.

## *Analiżi kritika*

Il-kappella ta' Sant'Anna hija mibnija fl-istil ta' żmienha, u tirrifletti d-dħul tal-arkitettura kontemporanja f'Malta u fil-gżira ta' Għawdex. Dan l-istil ħa spinta wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Dan minħabba l-politika u r-riforma li saret fil-qasam tal-edukazzjoni, fejn fl-1946 l-iskola saret bilfors għal kulħadd sal-Primarja. L-effett ta' dan kien il-bini tal-iskejjel moderni f'Għawdex. Għalhekk fis-snin sittin, il-Perit Huntingford iddisinja diversi skejjel fuq stil modernista internazzjonali. L-istil ta' Huntingford kien influwenzat mill-arkitetti Ingliżi Alison u Peter Smithson. Dan kien stil illi jagħmel użu mill-materjali tal-produzzjoni tal-massa. Dan l-iżvilupp sar fil-bini ċiviku ta' ċerta importanza, imma l-istil tal-bini ekkleżjastiku f'Għawdex kien għadu jsegwi l-moda tal-barokk jew anki stil romantiku (bħal fil-każ tas-Santwarju Ta' Pinu). Dan jidher ċar meta wieħed iqabbel il-bini tar-Rotunda tax-Xewkija (mibdija fl-1952) mal-kappella ta' Sant'Anna (1963). Hawnekk toħroġ l-importanza tal-arkitettura tal-kappella. Dan għaliex wieħed jista' jargumenta fuq il-fatt illi l-kappella ta' Sant'Anna hija waħda mill-ewwel, jekk mhux l-ewwel bini ekkleżjastiku f'Għawdex fuq stil modern.

Għalhekk il-kappella hija pjuttost sempliċi u funzjonali. Ma hemm xejn li jinsab hemm b'kapriċċ u mhemm l-ebda element ta' dekorazzjoni fl-arkitettura ħlief il-linji u d-disinn tal-parapett fil-faċċata. Il-kappella għandha entratura prinċipali waħda, b'taraġ fin-nofs. Fin-nofs tal-faċċata hemm grabja żgħira biex taqdi l-funzjoni li żżomm il-qanpiena. Ironikament u sorprendentement, il-qanpiena li hemm kienet il-qanpiena li kienet fil-grabja tal-knisja l-antika ta' San Lawrenz, qabel ma din tal-aħħar saret parroċċa. U forsi hawnhekk li l-qadim jingħaqad mal-ġdid u viċi-versa, biex jinħoloq ċiklu storiku!

Huwa importanti li waqt li qed isir ir-restawr tal-kappella, wieħed iżomm quddiem għajnejh il-fatt li tkun ħaġa xierqa jiġu proposti dekorazzjonijiet iktar moderni u sempliċi, li jaqblu mal-istil ġenerali tal-kappella. Dan għaliex faċli li, jekk wieħed ma joqgħodx attent, ikun hemm ħallata ballata ta' opri tal-arti li ma jagħmlux ġieħ u ma jaqblu xejn mas-sempliċità tal-arkitettura tagħha. Fil-fatt hawnhekk wieħed jista' jipproponi illi 'l quddiem il-kappella tiġi mmudellata fuq l-istil tal-kappella tar-Rużarju f'Vence, iddisinjata mill-artist Henri Matisse. Din l-idea turi aktar rispett lejn l-istil tal-arkitettura u l-intenzjoni tal-arkitett Joe Mizzi illi ddisinjaha.

*"Il-kappella ta' Sant'Anna hija waħda mill-ewwel, jekk mhux l-ewwel bini ekkleżjastiku f'Għawdex fuq stil modern".*